**Parlament Ewropew**
2019-2024

*Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji*

**2021/0378(COD)**

28.9.2022

# ***I
# ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi punt ta' aċċess uniku Ewropew li jipprovdi aċċess ċentralizzat għal informazzjoni disponibbli pubblikament ta' rilevanza għas-servizzi finanzjarji, is-swieq kapitali u s-sostenibbiltà
(COM(2021)0723 – C9-0434/2021 – 2021/0378(COD))

Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

Rapporteur: Pedro Silva Pereira

Rapporteur għal opinjoni tal-kumitati assoċjati skont l-Artikolu 57 tar-Regoli ta' Proċedura:
Pascal Durand, Kumitat għall-Affarijiet Legali

## *Tifsira tas-simboli użati*

| | |
|---|---|
| * | Proċedura ta' konsultazzjoni |
| *** | Proċedura ta' approvazzjoni |
| ***I | Proċedura leġiżlattiva ordinarja (l-ewwel qari) |
| ***II | Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tieni qari) |
| ***III | Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tielet qari) |

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi ġuridika proposta mill-abbozz ta' att.)

## *Emendi għal abbozz ta' att*

**Emendi tal-Parlament f'żewġ kolonni**

It-tħassir huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tax-xellug. Is-sostituzzjoni hija indikata permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fiż-żewġ kolonni. It-test ġdid huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tal-lemin.

L-ewwel u t-tieni linji tal-intestatura ta' kull emenda jidentifikaw il-parti tat-test ikkonċernata fl-abbozz ta' att inkwistjoni. Meta emenda tirrigwarda att eżistenti, li l-abbozz ta' att ikollu l-ħsieb li jemenda, l-intestatura jkun fiha wkoll it-tielet u r-raba' linji li jidentifikaw rispettivament l-att eżistenti u d-dispożizzjoni kkonċernata f'dak l-att.

**Emendi tal-Parlament li jieħdu l-forma ta' test konsolidat**

Il-partijiet ġodda tat-test huma indikati permezz tat-tipa ***korsiva u grassa.*** Il-partijiet imħassra tat-test huma indikati permezz tas-simbolu ▌ jew huma ingassati. Is-sostituzzjoni tintwera billi jiġi indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** t-test il-ġdid u billi jitħassar jew jiġi ingassat it-test sostitwit. Bħala eċċezzjoni, it-tibdil ta' natura strettament teknika magħmul mis-servizzi fil-preparazzjoni tat-test finali mhuwiex indikat.

**WERREJ**

**Paġna**

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW.....5

## ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

**dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi punt ta' aċċess uniku Ewropew li jipprovdi aċċess ċentralizzat għal informazzjoni disponibbli pubblikament ta' rilevanza għas-servizzi finanzjarji, is-swieq kapitali u s-sostenibbiltà**

**(COM(2021)0723 – C9-0434/2021 – 2021/0378(COD))**

**(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)**

*Il-Parlament Ewropew*,

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2021)0723),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C9-0440/2021),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali u tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji (A9-0000/2022),

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;

2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sustanzjali;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tiegħu lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-parlamenti nazzjonali.

**Emenda 1**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (2) L-aċċess faċli għad-data huwa | (2) L-aċċess faċli ***u strutturat*** għad- |

| | |
|---|---|
| importanti sabiex dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet fl-ekonomija u fis-soċjetà jieħdu deċiżjonijiet sodi li jservu l-funzjonament effiċjenti tas-suq. ***L-introduzzjoni ta' spazji komuni Ewropej tad-data f'setturi kruċjali, inkluż is-settur finanzjarju, isservi dak l-għan. Is-settur finanzjarju għaddej minn trasformazzjoni diġitali, li hija mistennija li tkompli fis-snin li ġejjin, u l-Unjoni jenħtieġ li tappoġġa dik it-trasformazzjoni, b'mod partikolari billi tippromwovi finanzjament immotivat mid-data. Barra minn hekk, it-tqegħid tal-finanzjament sostenibbli fil-qalba tas-sistema finanzjarja huwa mezz ewlieni kif tista' tinkiseb tranżizzjoni ekoloġika tal-ekonomija tal-Unjoni. Sabiex it-tranżizzjoni ekoloġika tirnexxi permezz ta' finanzjament sostenibbli, huwa essenzjali li l-informazzjoni relatata mas-sostenibbiltà tan-negozji tkun faċilment aċċessibbli għall-investituri, sabiex ikunu infurmati aħjar meta jieħdu deċiżjonijiet dwar l-investimenti. Għal dawk il-finijiet, jeħtieġ li jitjieb l-aċċess pubbliku għall-informazzjoni tal-entitajiet, bħall-informazzjoni finanzjarja u mhux finanzjarja ta' kumpaniji, negozji u istituzzjonijiet finanzjarji. Mezz effiċjenti sabiex dan isir fil-livell tal-Unjoni huwa li tiġi stabbilita pjattaforma ċentralizzata, punt ta' aċċess uniku Ewropew ("ESAP"), li jagħti aċċess elettroniku għall-informazzjoni rilevanti kollha.*** | data huwa importanti sabiex dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet***, l-investituri professjonali u individwali, l-organizzazzjonijiet mhux governattivi, l-organizzazzjonijiet soċjali u ambjentali, kif ukoll partijiet ikkonċernati oħra*** fl-ekonomija u fis-soċjetà jieħdu deċiżjonijiet ***dwar l-investiment*** sodi***, informati u li huma responsabbli soċjalment u ambjentalment*** li jservu l-funzjonament effiċjenti tas-suq. ***Il-provvista ta' sorsi affidabbli u sistematiċi ta' informazzjoni tkun bl-istess mod ta' rilevanza partikolari għar-riċerkaturi u l-prattikanti fl-akkademja, li jinvolvu ruħhom f'riċerka empirika jew teoretika fis-swieq finanzjarji.*** |
| | Or. en |

**Emenda 2**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 2a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(2a) L-introduzzjoni ta' spazji komuni Ewropej tad-data f'setturi kruċjali, inkluż*** |

***is-settur finanzjarju, isservi l-għan li tipprovdi aċċess faċli għal sorsi ta' informazzjoni affidabbli u sistemizzati. Dawk l-ispazji huma maħsuba biex jgħaqqdu data attwalment frammentata u mxerrda li hija rilevanti għas-swieq kapitali, is-servizzi finanzjarji u l-finanzi sostenibbli. Is-settur finanzjarju għaddej minn trasformazzjoni diġitali, li hija mistennija li tkompli fis-snin li ġejjin, u l-Unjoni jenħtieġ li tappoġġa dik it-trasformazzjoni, b'mod partikolari billi tippromwovi finanzjament immotivat mid-data. Barra minn hekk, it-tqegħid tal-finanzjament sostenibbli fil-qalba tas-sistema finanzjarja huwa mezz ewlieni kif tista' tinkiseb tranżizzjoni ekoloġika tal-ekonomija tal-Unjoni. Sabiex it-tranżizzjoni ekoloġika tirnexxi permezz ta' finanzi sostenibbli, huwa essenzjali li l-informazzjoni relatata mas-sostenibbiltà u l-governanza soċjali tan-negozji tkun faċilment aċċessibbli għall-investituri u parteċipanti oħra ewlenin tas-swieq kapitali, sabiex ikunu informati aħjar meta jieħdu deċiżjonijiet dwar l-investimenti. Għal dawk il-finijiet, l-aċċess pubbliku għall-informazzjoni finanzjarja u mhux finanzjarja ta' ċerti entitajiet, bħal kumpaniji, negozji u istituzzjonijiet finanzjarji, jeħtieġ li jittejjeb. Mezz effiċjenti sabiex dan isir fil-livell tal-Unjoni huwa li tiġi stabbilita pjattaforma ċentralizzata, notevolment punt ta' aċċess uniku Ewropew ("ESAP"), li jagħti aċċess elettroniku għall-informazzjoni rilevanti kollha, u li jiżgura l-kejl u l-komparabbiltà tad-data li ssir disponibbli.***

Or. en

**Emenda 3**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| (3) L-ESAP għandu jipprovdi lill-pubbliku aċċess ċentralizzat faċli għall-informazzjoni dwar l-entitajiet u l-prodotti tagħhom li jsir pubbliku fir-rigward tas-servizzi finanzjarji, is-swieq kapitali ***u*** s-sostenibbiltà. L-ESAP jenħtieġ li jipprovdi wkoll aċċess għall-informazzjoni rilevanti għas-servizzi finanzjarji u għas-swieq kapitali li tiġi ppubblikata fuq bażi volontarja minn kwalunkwe entità rregolata mid-dritt ta' Stat Membru, fejn tali entità tagħżel li tagħmel dik l-informazzjoni aċċessibbli fuq l-ESAP. ***Kif ippreżentat fl-Istrateġija għall-Finanzi Diġitali, l-ESAP jenħtieġ li jiġi stabbilit mill-2024***. | (3) L-ESAP għandu jipprovdi lill-pubbliku aċċess ċentralizzat faċli għall-informazzjoni dwar l-entitajiet u l-prodotti tagħhom li jsir pubbliku fir-rigward tas-servizzi finanzjarji, is-swieq kapitali**,** is-sostenibbiltà ***u d-diversità, iżda li ma jinkludix informazzjoni dwar il-marketing***. ***Tali aċċess huwa meħtieġ sabiex tiġi ssodisfata d-domanda dejjem tikber fis-suq għal prodotti finanzjarji relatati mal-ambjent, soċjali u ta' governanza (ESG) investibbli u diversifikati u sabiex il-kapital jiġi dirett lejn dawk il-prodotti.*** L-ESAP jenħtieġ li jipprovdi wkoll aċċess għall-informazzjoni rilevanti għas-servizzi finanzjarji u għas-swieq kapitali li tiġi ppubblikata fuq bażi volontarja minn kwalunkwe entità rregolata mid-dritt ta' Stat Membru, fejn tali entità tagħżel li tagħmel dik l-informazzjoni aċċessibbli fuq l-ESAP. ***Tali informazzjoni jenħtieġ li tkun uniformi fil-format u komparabbli fis-sustanza, il-valur, l-utilità u l-affidabbiltà għal dik sottomessa fuq bażi obbligatorja. Għal dak l-għan, il-Kumitat Konġunt tal-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej jenħtieġ li jiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni biex jispeċifika l-metadata li għandha takkumpanja l-informazzjoni ppreżentata u, fejn applikabbli, il-formats jew il-mudelli li għandhom jintużaw għat-tfassil ta' tali informazzjoni. Għal dak l-għan, il-Kumitat Konġunt tal-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej jenħtieġ li jqis l-istandards eżistenti fil-leġiżlazzjoni settorjali korrispondenti u b'mod partikolari l-istandards imfassla speċifikament għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju.*** |

Or. en

**Emenda 4**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (4) L-informazzjoni ***li għandha ssir*** aċċessibbli għall-pubbliku fuq l-ESAP jenħtieġ li tingħabar mill-korpi ta' ġbir maħtura għall-fini tal-ġbir tal-informazzjoni li l-entitajiet huma obbligati jippubblikaw. Sabiex jiġi żgurat il-funzjonament ***effiċjenti*** tal-ESAP, il-korpi ta' ġbir jenħtieġ li jagħmlu l-informazzjoni disponibbli għall-ESAP b'modi awtomatizzati permezz ta' interfaċċa unika għall-ipprogrammar tal-applikazzjonijiet. ***Sabiex l-informazzjoni tkun tista' tintuża b'mod diġitali, l-entitajiet jenħtieġ li*** jagħmlu din l-informazzjoni disponibbli ***f'format ta' data li tista' tiġi estratta jew, fejn meħtieġ mid-dritt tal-Unjoni, f'format li jinqara mill-magni. Bi tqabbil ma' formats ta' data li tista' tiġi estratta, formats li jinqraw mill-magni huma formats ta' fajl strutturati b'mod li l-applikazzjonijiet tas-software ikunu jistgħu jidentifikaw, jagħrfu u jisiltu data speċifika faċilment, inklużi dikjarazzjonijiet individwali tal-fatti, u l-istruttura interna tagħhom. Sabiex jiġi żgurat li l-entitajiet jissottomettu*** l-informazzjoni ***fil-format korrett u sabiex jindirizzaw kwistjonijiet tekniċi possibbli li jiltaqgħu magħhom l-entitajiet,*** il-korpi ta' ġbir jenħtieġ li ***jipprovdu assistenza lil dawk l-entitajiet***. | (4) L-informazzjoni aċċessibbli għall-pubbliku fuq l-ESAP jenħtieġ li tingħabar mill-korpi ta' ġbir maħtura għall-fini tal-ġbir tal-informazzjoni li l-entitajiet huma obbligati jippubblikaw ***jew li hija sottomessa fuq bażi volontarja***. Sabiex jiġi żgurat funzjonament ***sħiħ u kosteffiċjenti*** tal-ESAP, il-korpi ta' ġbir jenħtieġ li jagħmlu l-informazzjoni disponibbli għall-ESAP b'modi awtomatizzati permezz ta' interfaċċa unika għall-ipprogrammar tal-applikazzjonijiet***, filwaqt li jieħdu kemm jistgħu mill-proċeduri ta' ġbir u infrastrutturi eżistenti, kemm fil-livell tal-Unjoni kif ukoll f'dak nazzjonali, għat-trażmissjoni ta' informazzjoni mill-korpi ta' ġbir lill-ESMA***. ***Bil-għan li*** jagħmlu din l-informazzjoni disponibbli ***fuq l-ESAP, il-korpi tal-ġbir dežinjati jenħtieġ li jaħżnu*** l-informazzjoni ***sottomessa mill-entitajiet jew iġġenerata mill-korpi tal-ġbir infushom, sakemm ma jkunux diġà previsti mekkaniżmi alternattivi ta' ħżin skont id-dritt tal-Unjoni.*** Il-korpi ta' ġbir jenħtieġ li ***ma jkunux meħtieġa jibnu sistemi ġodda fejn wieħed jista' joqgħod fuq mekkaniżmi nazzjonali jew tal-Unjoni eżistenti fir-rigward tal-ħżin tal-informazzjoni***. ***Jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jidentifikaw mill-inqas korp ta' ġbir wieħed għall-ġbir ta' informazzjoni sottomessa mill-entitajiet fuq bażi volontarja, u dawk il-korpi ta' ġbir jistgħu jkunu l-istess bħal dawk li jiġbru l-informazzjoni sottomessa fuq bażi obbligatorja.*** |

Or. en

**Emenda 5**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 4a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***(4a) Sabiex l-informazzjoni li ssir disponibbli għall-pubbliku fuq l-ESAP tkun tista' tintuża b'mod diġitali, l-entitajiet jenħtieġ li jagħmlu din l-informazzjoni disponibbli f'format li permezz tiegħu d-data tista' tiġi estratta jew, fejn mitlub mid-dritt tal-Unjoni, f'format li jinqara mill-magni. Formats li permezz tagħhom d-data tista' tiġi estratta mhux neċessarjament jirrikjedu li l-informazzjoni tkun strutturata b'tali mod li tinqara mill-magni, filwaqt li formats li jinqaraw mill-magni huma formats ta' fajls li permezz tagħhom l-applikazzjonijiet tas-software ikunu jistgħu jidentifikaw, jagħrfu u jisiltu data speċifika faċilment, inklużi dikjarazzjonijiet individwali tal-fatti, u l-istruttura interna tagħhom. Sabiex tiġi żgurata l-aktar firxa wiesgħa ta' użu, iż-żewġ formats jenħtieġ li jkunu miftuħa fis-sens li jkunu indipendenti mill-pjattaforma u jkunu disponibbli għall-pubbliku mingħajr ebda restrizzjoni li timpedixxi l-użu mill-ġdid tal-informazzjoni li tinsab fihom. L-abbozz ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni jenħtieġ li jitfassal mill-Kumitat Konġunt tal-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej biex jiġi ppreżentat lill-Kummissjoni, filwaqt li jiġu speċifikati l-karatteristiċi tal-formats li jinqraw minn magni u li jistgħu jiġu estratti mid-data u jitqiesu kwalunkwe xejriet jew standards teknoloġiċi li qed jevolvu. Sabiex jiġi żgurat li l-entitajiet jissottomettu l-informazzjoni fil-format korrett u sabiex jindirizzaw kwistjonijiet tekniċi possibbli li jiltaqgħu magħhom l-entitajiet, il-korpi ta' ġbir jenħtieġ li jwettqu validazzjonijiet awtomatizzati skont ir-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament u jipprovdu assistenza lil dawk l-entitajiet*** |

***kif meħtieġ.***

Or. en

**Emenda 6**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (5) Minbarra l-informazzjoni b'rabta mas-servizzi finanzjarji, is-swieq kapitali u s-sostenibbiltà li għandha tiġi ppubblikata skont id-dritt tal-Unjoni, l-investituri, il-parteċipanti fis-suq, il-konsulenti u l-pubbliku inġenerali jista' jkollhom interess jiksbu informazzjoni oħra li entità tkun trid tagħmel aċċessibbli. Intrapriżi żgħar u ta' daqs medju jistgħu jkunu jridu jagħmlu aktar informazzjoni aċċessibbli għall-pubbliku sabiex isiru aktar viżibbli għal investituri potenzjali, u b'hekk iżidu l-finanzjament u jiddiversifikaw l-opportunitajiet ta' finanzjament. Barra minn hekk, il-parteċipanti fis-suq jistgħu jkunu jixtiequ jipprovdu aktar informazzjoni minn dik meħtieġa bil-liġi, jew inkella jippubblikaw l-informazzjoni meħtieġa mid-dritt nazzjonali iżda mhux disponibbli fil-livell tal-Unjoni, sabiex jikkomplementaw l-informazzjoni pprovduta lill-pubbliku fil-livell tal-Unjoni. Għalhekk, entità jenħtieġ li titħalla tagħmel informazzjoni finanzjarja, relatata mas-sostenibbiltà u informazzjoni rilevanti oħra aċċessibbli fuq l-ESAP. ***Skont il-prinċipju tal-minimizzazzjoni tad-data, l-entitajiet jenħtieġ li jiżguraw li ma tiġi inkluża l-ebda data personali, għajr fejn dik id-data tikkostitwixxi element meħtieġ tal-informazzjoni dwar l-attivitajiet ekonomiċi tagħhom, inkluż meta l-isem tal-entità jikkoinċidi mal-isem is-sid. Fejn tali informazzjoni tinkludi data personali, l-entitajiet jenħtieġ li jiżguraw li jistgħu joqogħdu fuq din id-divulgazzjoni fuq*** | (5) Minbarra l-informazzjoni b'rabta mas-servizzi finanzjarji, is-swieq kapitali u s-sostenibbiltà li għandha tiġi ppubblikata skont id-dritt tal-Unjoni, l-investituri, il-parteċipanti fis-suq, il-konsulenti u l-pubbliku inġenerali jista' jkollhom interess jiksbu informazzjoni oħra li entità tkun trid tagħmel aċċessibbli ***għall-pubbliku***. ***Mikrointrapriżi u*** intrapriżi żgħar u ta' daqs medju jistgħu jkunu jridu***, b'mod partikolari,*** jagħmlu aktar informazzjoni aċċessibbli għall-pubbliku sabiex isiru aktar viżibbli għal investituri potenzjali, u b'hekk iżidu l-finanzjament u jiddiversifikaw l-opportunitajiet ta' finanzjament. Barra minn hekk, il-parteċipanti fis-suq jistgħu jkunu jixtiequ jipprovdu aktar informazzjoni minn dik meħtieġa bil-liġi ***tal-Unjoni***, jew inkella jippubblikaw l-informazzjoni meħtieġa mid-dritt nazzjonali iżda mhux disponibbli fil-livell tal-Unjoni, sabiex jikkomplementaw l-informazzjoni pprovduta lill-pubbliku fil-livell tal-Unjoni. ***Filwaqt li tiġi sottomessa fuq bażi volontarja, tali informazzjoni jenħtieġ li tkun uniformi fil-format u komparabbli fis-sustanza, fil-valur, fl-utilità u fl-affidabbiltà għal dik sottomessa fuq bażi obbligatorja, minkejja li tal-ewwel tista' ma tissodisfax neċessarjament ir-rekwiżiti kollha ta' sottomissjoni ta' dawn tal-aħħar.*** Għalhekk, entità jenħtieġ li titħalla tagħmel informazzjoni finanzjarja, relatata mas-sostenibbiltà u informazzjoni rilevanti |

***waħda mir-raġunijiet legali tal-ipproċessar stabbiliti fl-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[26].***

oħra aċċessibbli fuq l-ESAP.

_____

_____

***[26] Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).***

Or. en

**Emenda 7**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 5a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(5a) L-entitajiet li jissottomettu l-informazzjoni lill-ESAP jibqgħu responsabbli għall-preċiżjoni u l-affidabbiltà ta' tali informazzjoni u metadata. Skont il-prinċipji tal-minimizzazzjoni u l-protezzjoni tad-data, l-entitajiet jenħtieġ li jiżguraw li ma tiġi inkluża l-ebda data personali, għajr fejn dik id-data tikkostitwixxi element meħtieġ tal-informazzjoni dwar l-attivitajiet ekonomiċi tagħhom, inkluż meta l-isem tal-entità jikkoinċidi mal-isem is-sid. Fejn tali informazzjoni sottomessa tinkludi data personali, l-entitajiet jenħtieġ li jiżguraw li jistgħu joqogħdu fuq din id-divulgazzjoni abbażi ta' waħda mir-raġunijiet legali tal-ipproċessar stabbiliti fl-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[26a].*** |

_____

***[26a] Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).***

Or. en

**Emenda 8**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 7**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (7) Sabiex l-entitajiet u l-pubbliku jkunu jistgħu jidentifikaw il-korpi ta' ġbir li jipprovdu informazzjoni lill-ESAP, l-ESMA jenħtieġ li tippubblika lista tal-korpi ta' ġbir fuq is-sit web tagħha u żżommha aġġornata. | (7) Sabiex l-entitajiet u l-pubbliku jkunu jistgħu jidentifikaw il-korpi ta' ġbir li jipprovdu informazzjoni lill-ESAP, l-ESMA jenħtieġ li tippubblika lista tal-korpi ta' ġbir fuq is-sit web tagħha u żżommha aġġornata. ***Kwalunkwe modifika meħtieġa għal dik il-lista jenħtieġ li ssir fl-iqsar żmien possibbli.*** |

Or. en

**Emenda 9**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 9**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (9) Sabiex jiġu ffaċilitati t-tiftix, is-sejba, l-irkupru u l-użu tad-data, l-ESMA jenħtieġ li tiżgura li l-ESAP joffri sett ta' funzjonalitajiet, inklużi funzjoni ta' tiftix, traduzzjoni awtomatika u possibbiltajiet sabiex tiġi estratta l-informazzjoni. Il-funzjonijiet ta' tiftix jenħtieġ li jiġu offruti fil-lingwi uffiċjali kollha tal-Unjoni u | (9) Sabiex jiġu ffaċilitati t-tiftix, is-sejba, l-irkupru u l-użu tad-data, l-ESMA jenħtieġ li tiżgura li l-ESAP joffri sett ta' funzjonalitajiet, inklużi funzjoni ta' tiftix, traduzzjoni awtomatika u possibbiltajiet sabiex tiġi estratta l-informazzjoni***, kif ukoll funzjonijiet ta' aċċessibbiltà elettronika mfassla għal persuni b'vista*** |

għandhom jibnu fuq mill-anqas il-metadata pprovduta skont id-direttivi u r-regolamenti elenkati fl-Anness. Sal-31 ta' Diċembru ***2024***, l-ESMA jenħtieġ li tiżgura li l-ESAP jipprovdi lill-utenti b'sett minimu ta' funzjonalitajiet, li għandu jitlesta sal-31 ta' Diċembru ***2025***.

***batuta jew għal individwi b'diżabbiltajiet u bi bżonnijiet ta' aċċess.*** Il-funzjonijiet ta' tiftix jenħtieġ li jiġu offruti ***mingħajr ħlas u*** fil-lingwi uffiċjali kollha tal-Unjoni u għandhom jibnu fuq mill-anqas il-metadata pprovduta skont id-direttivi u r-regolamenti elenkati fl-Anness. Sal-31 ta' Diċembru ***2025***, l-ESMA jenħtieġ li tiżgura li l-ESAP jipprovdi lill-utenti b'sett minimu ta' funzjonalitajiet, li għandu jitlesta sal-31 ta' Diċembru ***2026***.

Or. en

**Emenda 10**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 10**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (10) L-użu mill-ġdid ta' informazzjoni li hija disponibbli fuq l-ESAP jista' jtejjeb il-funzjonament tas-suq intern u jippromwovi l-iżvilupp ta' servizzi ġodda li jikkombinaw u jagħmlu użu minn tali informazzjoni. Għalhekk, fejn ikun ġustifikat għal raġunijiet ta' objettiv ta' interess pubbliku, huwa meħtieġ li l-informazzjoni li tkun disponibbli fuq l-ESAP tkun tista' tintuża mill-ġdid għal skopijiet oħrajn għajr dawk li għalihom tkun tfasslet l-informazzjoni. ***Madankollu,*** l-użu u l-użu mill-ġdid ta' dik l-informazzjoni jenħtieġ li jkunu suġġetti għal kundizzjonijiet oġġettivi, proporzjonati u mhux diskriminatorji. ***Għal dak il-għan, jenħtieġ li japplikaw kundizzjonijiet*** li jikkorrispondu għal dawk stabbiliti f'liċenzji miftuħa u standard skont it-tifsira tad-Direttiva (UE) 2019/1024 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[27]. ***It-termini ta' liċenzjar ta' dawk il-liċenzji standard jenħtieġ*** li jippermettu li d-data u l-kontenut ikunu aċċessibbli, użati, modifikati u kondiviżi liberament minn kwalunkwe persuna għal kwalunkwe skop. L-ESMA jenħtieġ li ***ma ġġarrabx*** | (10) ***L-użu u*** l-użu mill-ġdid ta' informazzjoni li hija disponibbli ***għall-pubbliku*** fuq l-ESAP jista' jtejjeb il-funzjonament tas-suq intern u jippromwovi l-iżvilupp ta' servizzi ġodda li jikkombinaw u jagħmlu użu minn tali informazzjoni. Għalhekk, fejn ikun ġustifikat għal raġunijiet ta' objettiv ta' interess pubbliku, huwa meħtieġ li l-informazzjoni li tkun disponibbli fuq l-ESAP tkun tista' ***tintuża u***tintuża mill-ġdid għal skopijiet oħrajn għajr dawk li għalihom tkun tfasslet l-informazzjoni. ***Dan*** l-użu u l-użu mill-ġdid ta' dik l-informazzjoni jenħtieġ li***,*** ***madankollu,*** jkunu suġġetti għal kundizzjonijiet oġġettivi, proporzjonati u mhux diskriminatorji li jikkorrispondu għal dawk stabbiliti f'liċenzji miftuħa u standard skont it-tifsira tad-Direttiva (UE) 2019/1024 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[27]***,*** li jippermettu li d-data u l-kontenut ikunu aċċessibbli, użati, modifikati u kondiviżi liberament minn kwalunkwe persuna għal kwalunkwe skop. ***La*** l-ESMA ***u lanqas il-korpi ta' ġbir*** jenħtieġ li jġarrbu ***kwalunkwe*** |

| | |
|---|---|
| responsabbiltà għall-użu u l-użu mill-ġdid ta' informazzjoni aċċessibbli fuq l-ESAP. ***Is-sottomissjoni ta' informazzjoni mill-korpi ta' ġbir jenħtieġ li la tkun suġġetta għal kundizzjonijiet u lanqas tkun suġġetta għal liċenzja standard miftuħa li tippermetti t-termini ta' liċenzjar li japplikaw għall-informazzjoni aċċessibbli fl-ESAP.*** | responsabbiltà għall-użu u l-użu mill-ġdid ta' informazzjoni aċċessibbli fuq l-ESAP. |
| [27] Id-Direttiva (UE) 2019/1024 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar id-data miftuħa u l-użu mill-ġdid tal-informazzjoni tas-settur pubbliku (ĠU L 172, 26.6.2019, p. 56). | [27] Id-Direttiva (UE) 2019/1024 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar id-data miftuħa u l-użu mill-ġdid tal-informazzjoni tas-settur pubbliku (ĠU L 172, 26.6.2019, p. 56). |

Or. en

**Emenda 11**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 11**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (11) L-informazzjoni disponibbli dwar l-ESAP jenħtieġ li tkun aċċessibbli għall-pubbliku fil-ħin. F'dak ir-rigward, iż-żmien bejn il-ġbir tal-informazzjoni ***u l-aċċessibbiltà tagħha għall-pubbliku*** jenħtieġ li jkun raġonevoli u, fi kwalunkwe każ, qasir kemm jista' jkun teknikament possibbli. Sabiex tiġi żgurata kwalità uniformi tal-informazzjoni, il-korpi ta' ġbir jenħtieġ li jwettqu validazzjonijiet awtomatizzati u jirrifjutaw informazzjoni invalida. | (11) L-informazzjoni disponibbli dwar l-ESAP jenħtieġ li tkun aċċessibbli għall-pubbliku fil-ħin. F'dak ir-rigward, ***il-perijodu ta'*** żmien bejn il-ġbir tal-informazzjoni ***mill-korpi ta' ġbir u l-pubblikazzjoni fl-ESAP*** jenħtieġ li jkun raġonevoli u, fi kwalunkwe każ, qasir kemm jista' jkun teknikament possibbli. Sabiex tiġi żgurata kwalità uniformi tal-informazzjoni, il-korpi ta' ġbir jenħtieġ li jwettqu validazzjonijiet awtomatizzati u jirrifjutaw informazzjoni invalida. ***Il-validità tal-informazzjoni jenħtieġ li ma tiġix ivvalutata abbażi tal-kontenut tagħha iżda pjuttost abbażi tal-konformità tagħha mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament u kwalunkwe emenda li takkumpanjaha għal-leġiżlazzjoni settorjali. Fil-valutazzjoni tal-validità tal-informazzjoni, il-korpi ta' ġbir jenħtieġ li jżommu d-diskrezzjoni fir-rifjut ta'*** |

***informazzjoni barra mill-kamp ta' applikazzjoni tal-ESAP.***

Or. en

**Emenda 12**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 12**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (12) L-ESAP jenħtieġ li jipprovdi lill-utenti b'aċċess għall-informazzjoni mingħajr ħlas u mingħajr diskriminazzjoni, u jenħtieġ li jagħmilha possibbli għal dawk l-utenti li jfittxu, jaċċessaw u jniżżlu l-informazzjoni permezz tal-ESAP. Madankollu, bit-teħid inkunsiderazzjoni tal-ħtieġa li l-ESMA tiġi protetta minn piż finanzjarju eċċessiv b'rabta mal-kostijiet imġarrba sabiex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet ta' utenti intensivi, jekk ikun hemm, l-ESMA jenħtieġ li jkollha l-kapaċità li tiġġenera dħul. Għalhekk, b'deroga mill-prinċipju li l-informazzjoni jenħtieġ li tkun aċċessibbli mingħajr ħlas, l-ESMA jenħtieġ li ***titħalla*** timponi tariffi għal dawk is-servizzi speċifiċi, inkluż għal servizzi b'kostijiet ta' manutenzjoni għoljin minħabba tiftix għal volumi kbar ***ħafna*** ta' informazzjoni jew minħabba aċċess frekwenti ***għall-ESAP***. Madankollu, kwalunkwe tariffa imposta jenħtieġ li ma taqbiżx il-kost tas-servizz ipprovdut. | (12) L-ESAP jenħtieġ li jipprovdi lill-utenti b'aċċess għall-informazzjoni mingħajr ħlas u mingħajr diskriminazzjoni, u jenħtieġ li jagħmilha possibbli għal dawk l-utenti li jfittxu, jaċċessaw u jniżżlu l-informazzjoni permezz tal-ESAP. Madankollu, bit-teħid inkunsiderazzjoni tal-ħtieġa li l-ESMA tiġi protetta minn piż finanzjarju eċċessiv b'rabta mal-kostijiet imġarrba sabiex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet ta' utenti intensivi, jekk ikun hemm, l-ESMA jenħtieġ li jkollha l-kapaċità li tiġġenera dħul. Għalhekk, b'deroga mill-prinċipju li l-informazzjoni jenħtieġ li tkun aċċessibbli mingħajr ħlas, l-ESMA jenħtieġ li timponi tariffi għal dawk is-servizzi speċifiċi, inkluż għal servizzi b'kostijiet ta' manutenzjoni ***jew ta' appoġġ*** għoljin minħabba tiftix għal ***u tniżżil ta'*** volumi kbar ta' informazzjoni jew minħabba aċċess frekwenti ***ħafna għall-informazzjonidisponibbli fuq l-ESAP, b'mod partikolari jekk tali informazzjoni tkun ta' rilevanza kummerċjali***. Madankollu, kwalunkwe tariffa imposta jenħtieġ li ma taqbiżx il-kost tas-servizz ipprovdut ***mill-ESMA u jenħtieġ li tiġi allokata biex tikkontribwixxi għall-funzjonament ġenerali tal-ESAP***. |

Or. en

**Emenda 13**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 13**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (13) Sabiex tiġi promossa l-innovazzjoni mmotivata mid-data fil-finanzi, sabiex is-swieq kapitali jiġu megħjuna jintegraw fl-Unjoni Ewropea, sabiex l-investimenti jiġu diretti lejn attivitajiet sostenibbli, u sabiex jinkisbu effiċjenzi għall-konsumaturi u n-negozji, l-ESAP jenħtieġ li jtejjeb l-aċċess għall-informazzjoni li tinkludi data personali. Madankollu, l-ESAP jenħtieġ li jtejjeb biss l-aċċess għal dik id-data personali li għandha tiġi pproċessata skont id-dritt tal-Unjoni, jew li tiġi pproċessata volontarjament dment li jkun hemm raġuni legali għal tali pproċessar skont ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. Għal kwalunkwe pproċessar ta' data personali fil-kuntest tal-għoti ta' informazzjoni permezz tal-ESAP, il-korpi ta' ġbir ***u l-ESMA fil-kapaċità tagħha bħala operatur tal-ESAP*** jenħtieġ li jiżguraw il-konformità mar-Regolament (UE) 2016/679 u mar-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[28]. | (13) Sabiex tiġi promossa l-innovazzjoni mmotivata mid-data fil-finanzi, sabiex is-swieq kapitali jiġu megħjuna jintegraw fl-Unjoni Ewropea, sabiex l-investimenti jiġu diretti lejn attivitajiet sostenibbli, u sabiex jinkisbu effiċjenzi għall-konsumaturi u n-negozji, l-ESAP jenħtieġ li jtejjeb l-aċċess għall-informazzjoni li tinkludi data personali. Madankollu, l-ESAP jenħtieġ li jtejjeb biss l-aċċess għal dik id-data personali li għandha tiġi pproċessata skont id-dritt tal-Unjoni, jew li tiġi pproċessata volontarjament dment li jkun hemm raġuni legali għal tali pproċessar skont ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. Għal kwalunkwe pproċessar ta' data personali fil-kuntest tal-għoti ta' informazzjoni permezz tal-ESAP, ***l-ESMA fil-kapaċità tagħha bħala kontrollur tad-data u*** l-korpi ta' ġbir tal-ESAP jenħtieġ li jiżguraw il-konformità mar-Regolament (UE) 2016/679 u mar-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[28]. |
| [28] Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39). | [28] Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39). |

Or. en

**Emenda 14**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 15**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (15) Sabiex tinbena u tinżamm il-fiduċja pubblika fl-ESAP u sabiex kull entità tiġi protetta minn tibdil mhux dovut tal-informazzjoni tagħha, l-ESAP jenħtieġ li jiżgura l-integrità tad-data u l-kredibbiltà tas-sors tal-informazzjoni sottomessa lill-korpi ta' ġbir. Għalhekk, l-informazzjoni sottomessa mill-entitajiet jenħtieġ li tinkludi siġill elettroniku kwalifikat mehmuż mal-informazzjoni sottomessa, kif definit fl-Artikolu 3(***20***) tar-Regolament (UE) Nru 910/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. Identifikatur speċifiku ta' entità ġuridika jista' jkun attribut obbligatorju ta' dak iċ-ċertifikat. Dak is-siġill jew il-firma miksuba mill-ESAP jenħtieġ li jkunu disponibbli għall-utenti. | (15) Sabiex tinbena u tinżamm il-fiduċja pubblika fl-ESAP u sabiex kull entità tiġi protetta minn tibdil mhux dovut tal-informazzjoni tagħha, l-ESAP jenħtieġ li jiżgura l-integrità tad-data u l-kredibbiltà tas-sors tal-informazzjoni sottomessa ***minn entitajiet*** lill-korpi ta' ġbir. Għalhekk, l-informazzjoni sottomessa mill-entitajiet jenħtieġ li tinkludi siġill elettroniku kwalifikat mehmuż mal-informazzjoni sottomessa, kif definit fl-Artikolu 3(***27***) tar-Regolament (UE) Nru 910/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[29]. Identifikatur speċifiku ta' entità ġuridika***, meta disponibbli,*** jista' jkun attribut obbligatorju ta' dak iċ-ċertifikat. Dak is-siġill jew il-firma miksuba mill-ESAP jenħtieġ li jkunu disponibbli għall-utenti. |
| [29] Ir-Regolament (UE) Nru 910/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2014 dwar l-identifikazzjoni elettronika u s-servizzi fiduċjarji għal transazzjonijiet elettroniċi fis-suq intern u li jħassar id-Direttiva 1999/93/KE (ĠU L 257, 28.8.2014, p. 73). | [29] Ir-Regolament (UE) Nru 910/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2014 dwar l-identifikazzjoni elettronika u s-servizzi fiduċjarji għal transazzjonijiet elettroniċi fis-suq intern u li jħassar id-Direttiva 1999/93/KE (ĠU L 257, 28.8.2014, p. 73). |

Or. en

**Emenda 15**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 16**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (16) Sabiex l-informazzjoni tkun komparabbli tul iż-żmien, l-utenti jenħtieġ li jkollhom aċċess għal informazzjoni tal- | (16) Sabiex l-informazzjoni tkun komparabbli tul iż-żmien, l-utenti jenħtieġ li jkollhom aċċess għal informazzjoni tal- |

| | |
|---|---|
| passat. Għalhekk, huwa meħtieġ li l-ESAP jintalab jipprovdi aċċess għall-informazzjoni għal perjodu ta' żmien raġonevoli, sa fejn ikun kompatibbli ma' dispożizzjonijiet applikabbli oħrajn tad-dritt tal-Unjoni. Għal dak il-għan, l-ESMA jenħtieġ li tiżgura li ***l-ebda*** data personali ma ssir aċċessibbli għal aktar żmien milli meħtieġ, kif previst skont id-dritt tal-Unjoni. Sabiex l-ESMA u l-korpi ta' ġbir ikunu jistgħu jħejju t-tħaddim tal-ESAP, l-ESAP jenħtieġ li jipprovdi biss aċċess għall-informazzjoni sottomessa mill-1 ta' Jannar ***2024***. | passat. Għalhekk, huwa meħtieġ li l-ESAP jintalab jipprovdi aċċess għall-informazzjoni għal perjodu ta' żmien raġonevoli, sa fejn ikun kompatibbli ma' dispożizzjonijiet applikabbli oħrajn tad-dritt tal-Unjoni. Għal dak il-għan, l-ESMA jenħtieġ li tiżgura li data personali ***la ma tinżamm u lanqas*** ma ssir aċċessibbli għal aktar żmien milli meħtieġ, kif previst skont id-dritt tal-Unjoni ***u, fi kwalunkwe każ, għal mhux aktar minn 5 snin, sakemm mhux iddikjarat mod ieħor fl-atti legali fil-kamp ta' applikazzjoni tal-ESAP***. Sabiex l-ESMA u l-korpi ta' ġbir ikunu jistgħu jħejju t-tħaddim tal-ESAP, l-ESAP jenħtieġ li jipprovdi biss aċċess għall-informazzjoni sottomessa mill-1 ta' Jannar ***2025***. |
| | Or. en |

**Emenda 16**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 17**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (17) Sabiex jiġi żgurat ipproċessar mingħajr xkiel tal-informazzjoni riċevuta jew imfassla mill-korpi ta' ġbir u magħmula disponibbli għall-ESAP, huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti ċerti rekwiżiti li jispeċifikaw il-format u l-metadata ta' dik l-informazzjoni u liema korpi ta' ġbir jenħtieġ li jiġbru tali informazzjoni. Sabiex tiġi żgurata l-kwalità tal-informazzjoni sottomessa lill-ESAP mill-korpi ta' ġbir, huwa meħtieġ ukoll li jiġu ddefiniti l-karatteristiċi tal-validazzjonijiet awtomatizzati li għandhom jitwettqu fuq kull informazzjoni li tasal għand il-korpi ta' ġbir, u l-karatteristiċi tas-siġill elettroniku kwalifikat li għandu jiġi mehmuż ma' dik l-informazzjoni mill-entitajiet. Sabiex jiġi żgurat l-użu u l-użu mill-ġdid tad-data dwar l-ESAP, għandha tiġi ddefinita lista | (17) Sabiex jiġi żgurat ipproċessar mingħajr xkiel tal-informazzjoni riċevuta jew imfassla mill-korpi ta' ġbir u magħmula disponibbli għall-ESAP, huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti ċerti rekwiżiti li jispeċifikaw il-format u l-metadata ta' dik l-informazzjoni u liema korpi ta' ġbir jenħtieġ li jiġbru tali informazzjoni. Sabiex tiġi żgurata l-kwalità tal-informazzjoni sottomessa lill-ESAP mill-korpi ta' ġbir, huwa meħtieġ ukoll li jiġu ddefiniti l-karatteristiċi tal-validazzjonijiet awtomatizzati li għandhom jitwettqu fuq kull informazzjoni li tasal għand il-korpi ta' ġbir, u l-karatteristiċi tas-siġill elettroniku kwalifikat li għandu jiġi mehmuż ma' dik l-informazzjoni mill-entitajiet. Sabiex jiġi żgurat l-użu u l-użu mill-ġdid tad-data dwar l-ESAP, għandha tiġi ddefinita lista |

tal-liċenzji standard miftuħa magħżula. Sabiex jiġu ffaċilitati t-tiftix, is-sejba, l-irkupru tad-data fil-ħin, huwa meħtieġ ukoll li jitfasslu l-karatteristiċi tal-interfaċċa għall-ipprogrammar tal-applikazzjonijiet u tal-metadata li għandha tiġi implimentata. Għandhom jiġu implimentati rekwiżiti addizzjonali fir-rigward ta' funzjonijiet ta' tiftix effiċjenti, bħall-identifikatur speċifiku tal-entità ġuridika, il-klassifikazzjoni tat-tip ta' informazzjoni, u ***l-kategoriji tad-daqs*** tal-entitajiet. Għal dak il-għan, il-Kumitat Konġunt tal-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej jenħtieġ li jiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni. Barra minn hekk, l-ESMA tista' tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni sabiex tiddetermina n-natura u l-firxa tas-servizzi speċifiċi li għalihom jistgħu jintalbu tariffi kif ukoll l-istruttura tat-tariffi assoċjata. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tingħata s-setgħa li tadotta dawk l-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni permezz ta' atti ta' implimentazzjoni skont l-Artikolu 291 TFUE u f'konformità mal-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[30], Nru 1094/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[31] u Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[32].

tal-liċenzji standard miftuħa magħżula. Sabiex jiġu ffaċilitati t-tiftix, is-sejba, l-irkupru tad-data fil-ħin, huwa meħtieġ ukoll li jitfasslu l-karatteristiċi tal-interfaċċa għall-ipprogrammar tal-applikazzjonijiet u tal-metadata li għandha tiġi implimentata. Għandhom jiġu implimentati rekwiżiti addizzjonali fir-rigward ta' funzjonijiet ta' tiftix effiċjenti, bħall-identifikatur speċifiku tal-entità ġuridika, il-klassifikazzjoni tat-tip ta' informazzjoni, u ***d-daqs*** tal-entitajiet ***skont il-kategorija***. Għal dak il-għan, il-Kumitat Konġunt tal-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej jenħtieġ li jiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni. Barra minn hekk, l-ESMA ***jenħtieġ li tkun tista'*** tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni sabiex tiddetermina n-natura u l-firxa tas-servizzi speċifiċi li għalihom jistgħu jintalbu tariffi kif ukoll l-istruttura tat-tariffi assoċjata. ***Tali abbozzi ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni jippermettu aċċess globali u interoperabbli għall-informazzjoni tal-entità.*** Il-Kummissjoni jenħtieġ li tingħata s-setgħa li tadotta dawk l-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni permezz ta' atti ta' implimentazzjoni skont l-Artikolu 291 TFUE u f'konformità mal-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[30], Nru 1094/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[31] u Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[32].

---

[30] Ir-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (l-Awtorità Bankarja Ewropea) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 12).

[31] Ir-Regolament (UE) Nru 1094/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi

[30] Ir-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (l-Awtorità Bankarja Ewropea) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 12).

[31] Ir-Regolament (UE) Nru 1094/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi

| | |
|---|---|
| Awtorità Superviżorja Ewropea (l-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol), u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/79/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 48). | Awtorità Superviżorja Ewropea (l-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol), u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/79/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 48). |
| [32] Ir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (l-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/77/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 84). | [32] Ir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (l-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/77/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 84). |

Or. en

**Emenda 17**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Sal-31 ta' Diċembru ***2024***, l-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA) għandha tistabbilixxi u topera punt ta' aċċess uniku Ewropew ("ESAP") li jipprovdi aċċess elettroniku ċentralizzat għall-informazzjoni li ġejja: | 1. Sal-31 ta' Diċembru ***2025***, l-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA) għandha tistabbilixxi u topera punt ta' aċċess uniku Ewropew ("ESAP") li jipprovdi aċċess elettroniku ċentralizzat għall-informazzjoni li ġejja: |

Or. en

**Emenda 18**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) informazzjoni ***li għandha tiġi*** ppubblikata skont id-dispożizzjonijiet rilevanti fid-direttivi u r-regolamenti elenkati fl-Anness u skont kwalunkwe att tal-Unjoni legalment vinkolanti ieħor li | (a) informazzjoni ppubblikata skont id-dispożizzjonijiet rilevanti fid-direttivi u r-regolamenti elenkati fl-Anness u skont kwalunkwe att tal-Unjoni legalment vinkolanti ieħor li jipprevedi aċċess |

| | |
|---|---|
| jipprevedi aċċess elettroniku ċentralizzat għall-informazzjoni permezz tal-ESAP; | elettroniku ċentralizzat għall-informazzjoni permezz tal-ESAP; |

Or. en

**Emenda 19**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) informazzjoni oħra ta' rilevanza għas-servizzi finanzjarji pprovduti fl-Unjoni jew għas-swieq kapitali tal-Unjoni jew li tikkonċerna s-sostenibbiltà li l-entitajiet jixtiequ jagħmlu aċċessibbli fuq l-ESAP fuq bażi volontarja dwar l-attivitajiet ekonomiċi tagħhom, f'konformità mal-Artikolu 3(1). | (b) informazzjoni oħra ta' rilevanza għas-servizzi finanzjarji pprovduti fl-Unjoni jew għas-swieq kapitali tal-Unjoni jew li tikkonċerna s-sostenibbiltà ***u d-diversità u l-inklużjoni fil-post tax-xogħol*** li l-entitajiet jixtiequ jagħmlu aċċessibbli fuq l-ESAP fuq bażi volontarja dwar l-attivitajiet ekonomiċi tagħhom, f'konformità mal-Artikolu 3(1). |

Or. en

**Emenda 20**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. L-ESAP ma għandux jipprovdi aċċess għall-informazzjoni sottomessa qabel l-1 ta' Jannar ***2024***. | 2. L-ESAP ma għandux jipprovdi aċċess għall-informazzjoni sottomessa qabel l-1 ta' Jannar ***2025***. |

Or. en

**Emenda 21**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (2) "korp ta' ġbir" tfisser kwalunkwe korp jew awtorità tal-Unjoni jew nazzjonali jew reġistru maħtur bħala tali skont kwalunkwe wieħed mill-atti legali msemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 1(1) jew ***mill-istandards*** tekniċi ta' implimentazzjoni msemmija fl-Artikolu 3(2); | (2) "korp ta' ġbir" tfisser kwalunkwe korp jew awtorità tal-Unjoni jew nazzjonali jew reġistru maħtur bħala tali skont kwalunkwe wieħed mill-atti legali msemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 1(1) jew ***mill-Istati Membri fl-applikazzjoni tal-istandards*** tekniċi ta' implimentazzjoni msemmija fl-Artikolu 3(2); |

Or. en

**Emenda 22**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 7a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(7a) "data personali" tfisser data personali kif definita fil-punt (1) tal-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) 2016/679;*** |

Or. en

**Emenda 23**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. ***Kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika*** tista' tissottometti lil korp ta' ġbir l-informazzjoni msemmija fil-punt (b) tal-Artikolu 1(1) sabiex dik l-informazzjoni ssir aċċessibbli fuq l-ESAP. Meta tissottometti dik l-informazzjoni, ***il-persuna fiżika jew ġuridika*** għandha: | 1. ***Mill-1 ta'Jannar 2027, kwalunkwe entità*** tista' tissottometti lil korp ta' ġbir l-informazzjoni msemmija fil-punt (b) tal-Artikolu 1(1) sabiex dik l-informazzjoni ssir aċċessibbli fuq l-ESAP. ***Is-sustanza u l-format ta' dik l-informazzjoni għandhom ikunu ta' valur u affidabbiltà komparabbli ma' dawk imsemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 1(1).*** Meta tissottometti dik l-informazzjoni, ***l-entità*** |

għandha:

Or. en

**Emenda 24**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) tipprovdi lill-korp ta' ġbir metadata dwar l-informazzjoni sottomessa; | (a) tipprovdi lill-korp ta' ġbir metadata dwar l-informazzjoni sottomessa***, inkluża metadata li tispeċifika n-natura volontarja tas-sottomissjoni ta' tali informazzjoni***; |

Or. en

**Emenda 25**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) tuża format ta' data li tista' tiġi estratta għat-tfassil ta' dik l-informazzjoni; | (c) tuża ***mill-inqas*** format ta' data li tista' tiġi estratta għat-tfassil ta' dik l-informazzjoni; |

Or. en

**Emenda 26**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt ca (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ca) tiżgura li l-informazzjoni sottomessa taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 1(1), punt (b);*** |

Or. en

**Emenda 27**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt d**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (d) ***tiżguraw*** li ma tiġi inkluża l-ebda data personali, għajr fejn id-data personali tikkostitwixxi element meħtieġ tal-informazzjoni dwar l-attivitajiet ekonomiċi tagħha. | (d) ***tiżgura*** li ma tiġi inkluża l-ebda data personali, għajr fejn id-data personali ***hija mitluba mill-Unjoni jew mid-dritt nazzjonali jew tikkostitwixxi*** element meħtieġ tal-informazzjoni dwar l-attivitajiet ekonomiċi tagħha. |

Or. en

**Emenda 28**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1a. Sal-31 ta' Diċembru 2026, l-Istati Membri għandhom jaħtru mill-inqas korp ta' ġbir wieħed għall-ġbir tal-informazzjoni ppreżentata fuq bażi volontarja u jinnotifikaw lill-ESMA b'dan. Dawk il-korpi ta' ġbir għandhom jikkonformaw mal-Artikolu 5.*** |

Or. en

**Emenda 29**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 2 – subparagrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Il-Kumitat Konġunt tal-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej għandu jissottometti dak l-abbozz ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni ***sa [PO:*** | Il-Kumitat Konġunt tal-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej għandu jissottometti dak l-abbozz ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni ***sat-*** |

| | |
|---|---|
| ***please insert sena snin wara d-dħul fis-seħħ].*** | ***30 ta' Ġunju 2025***. |

Or. en

**Emenda 30**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Fejn l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 tinkludi data personali, l-entitajiet għandhom jiżguraw li l-ipproċessar joqgħod fuq waħda mir-raġunijiet legali tal-ipproċessar elenkati fil-punt (1) tal-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. Dan ir-Regolament ma joħloqx bażi ġuridika għall-ipproċessar ta' data personali minn dawk l-entitajiet. | 3. Fejn l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 tinkludi data personali, l-entitajiet għandhom jiżguraw li l-ipproċessar ***ta' tali data*** joqgħod fuq waħda mir-raġunijiet legali tal-ipproċessar elenkati fil-punt (1) tal-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. Dan ir-Regolament ma joħloqx bażi ġuridika għall-ipproċessar ta' data personali minn dawk l-entitajiet. |

Or. en

**Emenda 31**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Fuq il-portal web imsemmi fil-punt (a) tal-Artikolu 7(1),*** l-ESMA għandha tippubblika lista tal-korpi ta' ġbir b'informazzjoni dwar il-Lokalizzatur Uniformi tar-Riżorsi (URL) ta' kull korp ta' ġbir. | L-ESMA għandha tippubblika lista tal-korpi ta' ġbir b'informazzjoni dwar il-Lokalizzatur Uniformi tar-Riżorsi (URL) ta' kull korp ta' ġbir ***fuq il-portal web imsemmi fil-punt (a) tal-Artikolu 7(1)***. |

Or. en

**Emenda 32**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt b – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) iwettqu validazzjonijiet awtomatizzati fuq l-informazzjoni sottomessa sabiex jivverifikaw li l-informazzjoni tikkonforma mar-rekwiżiti kollha li ġejjin: | (b) iwettqu validazzjonijiet awtomatizzati fuq l-informazzjoni sottomessa ***mill-entitajiet*** sabiex jivverifikaw li l-informazzjoni tikkonforma mar-rekwiżiti kollha li ġejjin: |

Or. en

**Emenda 33**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt b – punt i**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (i) l-informazzjoni tkun ġiet sottomessa bl-użu ta' format ta' data li tista' tiġi estratta jew, fejn xieraq, il-format li jinqara mill-magni speċifikat fi kwalunkwe wieħed mill-atti legali msemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 1(1) li skonthom tiġi sottomessa l-informazzjoni, jew fl-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni msemmija fil-punt (b) tal-Artikolu 3(2); | (i) l-informazzjoni tkun ġiet sottomessa bl-użu ***mill-inqas*** ta' format ta' data li tista' tiġi estratta jew, fejn xieraq, il-format li jinqara mill-magni speċifikat fi kwalunkwe wieħed mill-atti legali msemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 1(1) li skonthom tiġi sottomessa l-informazzjoni, jew fl-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni msemmija fil-punt (b) tal-Artikolu 3(2); |

Or. en

**Emenda 34**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt b – punt i (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ia) l-informazzjoni jkun fiha l-livell xieraq ta' awtenticità, disponibbiltà, integrità u prova tal-oriġini;*** |

Or. en

**Emenda 35**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt e**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (e) jipprovdu assistenza teknika lill-entitajiet li jissottomettu l-informazzjoni; | (e) jipprovdi assistenza teknika lill-entitajiet li jissottomettu l-informazzjoni ***fir-rigward ta', mill-inqas, il-proċessi ta' sottomissjoni, rifjut u sottomissjoni mill-ġdid***; |

Or. en

**Emenda 36**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt f – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (f) jiżguraw li l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 1(1) tibqa' disponibbli għall-ESAP għal mill-anqas għaxar (10) snin, dment li ma jkunx iddikjarat mod ieħor fl-atti legali msemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 1(1). ***Id-data personali fl-informazzjoni*** sottomessa skont l-Artikolu 1(1) ***ma għandhiex*** tinżamm u ssir disponibbli għal aktar minn ħames (5) snin, dment li ma jkunx iddikjarat mod ieħor fl-atti legali msemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 1(1). | (f) jiżguraw li l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 1(1) tibqa' disponibbli għall-ESAP għal mill-anqas għaxar (10) snin, dment li ma jkunx iddikjarat mod ieħor fl-atti legali msemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 1(1). ***Fejn il-metadata li takkumpanja*** l-informazzjoni sottomessa skont l-Artikolu 1(1) ***tirreferi għal jew tinkludi data personali, tali informazzjoni għandha la*** tinżamm u ***lanqas*** issir disponibbli ***fuq l-ESAP*** għal aktar minn ħames (5) snin, dment li ma jkunx iddikjarat mod ieħor fl-atti legali msemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 1(1). |

Or. en

**Emenda 37**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt f – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Għall-finijiet tal-punt (f), il-korpi ta' ġbir għandhom jieħdu miżuri tekniċi u organizzazzjonali xierqa sabiex jiżguraw li l-informazzjoni ma tinżammx jew issir disponibbli għal aktar żmien minn dak previst f'dak il-punt (f). | Għall-finijiet tal-punt (f), ***u f'konformità mar-Regolamenti (UE) 2016/679 u (UE) 2018/1725,*** il-korpi ta' ġbir għandhom jieħdu miżuri tekniċi u organizzazzjonali xierqa sabiex jiżguraw li l-informazzjoni ma tinżammx jew issir disponibbli għal aktar żmien minn dak previst f'dak il-punt (f). |

Or. en

**Emenda 38**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 2 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) fejn l-informazzjoni tkun manifestament mhux xierqa, abbużiva, jew ***b'mod ċar*** barra mill-ambitu tal-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 1(1). | (b) fejn l-informazzjoni tkun manifestament mhux xierqa, abbużiva, jew barra mill-ambitu tal-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 1(1). |

Or. en

**Emenda 39**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. L-entitajiet jistgħu jissottomettu l-informazzjoni msemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 1(1) darba biss lil wieħed mill-korpi ta' ġbir rilevanti. | 3. ***Meta l-informazzjoni sottomessa minn entità tiġi rrifjutata mill-korp tal-ġbir, dik l-entità għandha tikkoreġi u tissottometti mill-ġdid l-informazzjoni mingħajr dewmien żejjed.*** L-entitajiet jistgħu jissottomettu l-informazzjoni |

msemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 1(1) darba biss lil wieħed mill-korpi ta' ġbir rilevanti.

Or. en

**Emenda 40**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. L-entitajiet għandhom jiżguraw il-preċiżjoni tal-informazzjoni li jissottomettu lill-korpi ta' ġbir. | 4. L-entitajiet għandhom jiżguraw il-preċiżjoni***, il-kompletezza u l-affidabbiltà*** tal-informazzjoni li jissottomettu lill-korpi ta' ġbir ***u jkunu responsabbli għaliha, kif ukoll għall-metadata li takkumpanjaha***. |

Or. en

**Emenda 41**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. Rigward l-informazzjoni li taqa' taħt dan ir-Regolament, il-korpi ta' ġbir ma għandhomx jeżerċitaw id-dritt ta' min jagħmel il-bażi tad-data, kif imsemmi u previst fl-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 96/9/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[33], li jipprevjenu jew jillimitaw l-użu mill-ġdid tal-kontenut tal-bażi tad-data ***jew li jillimitaw l-użu mill-ġdid ta' dak il-kontenut***. | 5. Rigward l-informazzjoni li taqa' taħt dan ir-Regolament, il-korpi ta' ġbir ma għandhomx jeżerċitaw id-dritt ta' min jagħmel il-bażi tad-data, kif imsemmi u previst fl-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 96/9/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[33]***, jew kwalunkwe dritt ta' proprjetà intelletwali ieħor b'tali mod*** li jipprevjenu jew jillimitaw ***l-użu u*** l-użu mill-ġdid tal-kontenut tal-bażi tad-data ***skont l-Artikolu 9 ta' dan ir-Regolament***. |
| [33] Id-Direttiva 96/9/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 1996 dwar il-protezzjoni legali ta' databases (ĠU L 77, 27.3.1996, | [33] Id-Direttiva 96/9/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 1996 dwar il-protezzjoni legali ta' databases (ĠU L 77, 27.3.1996, |

| | |
|---|---|
| p. 20). | p. 20). |

Or. en

**Emenda 42**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 6 – punt ea (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ea) lista ta' formats li huma aċċettabbli bħala formats li jistgħu jiġu estratti mid-data u bħala formats li jinqraw mill-magni f'konformità mal-paragrafu 1, il-punt (b) (i).*** |

Or. en

**Emenda 43**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 6 – subparagrafu -1 (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Meta jiżviluppa l-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni msemmija fil-paragrafu 1, il-Kumitat Konġunt tal-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej għandu jqis l-istandards eżistenti diġà fil-leġiżlazzjoni settorjali korrispondenti u b'mod partikolari l-istandards imfassla speċifikament għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju.*** |

Or. en

**Emenda 44**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-ESMA għandha tistabbilixxi politika ta' sigurtà tal-IT effettiva u proporzjonata għall-ESAP u għandha tiżgura livelli xierqa ta' awtentiċità, disponibbiltà, integrità u nonripudju tal-informazzjoni magħmula aċċessibbli fuq l-ESAP, kif ukoll ta' protezzjoni tad-data personali. | L-ESMA għandha tistabbilixxi politika ta' sigurtà tal-IT effettiva u proporzjonata għall-ESAP u għandha tiżgura livelli xierqa ta' awtentiċità, disponibbiltà, integrità u nonripudju tal-informazzjoni magħmula aċċessibbli fuq l-ESAP, kif ukoll ta' protezzjoni tad-data personali. ***L-ESMA tista' twettaq rieżamijiet perjodiċi tal-politika tas-sigurtà tal-IT u tas-sitwazzjoni taċ-ċibersigurtà tal-ESAP b'kunsiderazzjoni tax-xejriet u l-aħħar żviluppi taċ-ċibersigurtà Ewropej u internazzjonali li qed jevolvu .*** |

Or. en

**Emenda 45**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 7 – paragrafu 1 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) portal web b'interfaċċa faċli għall-utent fil-lingwi uffiċjali kollha tal-Unjoni sabiex jipprovdi aċċess għall-informazzjoni fl-ESAP; | (a) portal web b'interfaċċa faċli għall-utent***, filwaqt li jitqiesu individwi b'diżabbiltajiet u bi bżonnijiet ta' aċċess,*** fil-lingwi uffiċjali kollha tal-Unjoni sabiex jipprovdi aċċess għall-informazzjoni fl-ESAP; |

Or. en

**Emenda 46**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 7 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. L-ESMA għandha tiżgura li l-ESAP jipprevedi l-funzjonalitajiet imsemmija fil-punt (e) u (g) tal-paragrafu 1 | 2. L-ESMA għandha tiżgura li l-ESAP jipprevedi l-funzjonalitajiet imsemmija fil-punt (e) u (g) tal-paragrafu 1 |

| | |
|---|---|
| sal-31 ta' Diċembru ***2025***. | sal-31 ta' Diċembru ***2026***. |

Or. en

**Emenda 47**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 7 – paragrafu 3 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) l-isem tal-entità li tkun issottomettiet l-informazzjoni; | (a) l-isem tal-entità li tkun issottomettiet l-informazzjoni ***u għal liema informazzjoni tirreferi***; |

Or. en

**Emenda 48**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 7 – paragrafu 3 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) it-tip ta' informazzjoni sottomessa mill-entità ***li tkun issottomettiet*** l-informazzjoni; | (c) it-tip ta' informazzjoni***, kif previst fl-Artikolu 1(1),*** sottomessa mill-entità ***u n-natura obbligatorja jew volontarja tas-sottomissjoni ta' din*** l-informazzjoni; |

Or. en

**Emenda 49**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 7 – paragrafu 3 – punt d**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (d) ***is-sena u x-xahar*** li fihom l-informazzjoni tkun ġiet sottomessa mill-entità ***li tkun issottomettiet l-informazzjoni***; | (d) ***id-data*** li fihom l-informazzjoni tkun ġiet sottomessa mill-entità ***lill-korp ta' ġbir***; |

Or. en

**Emenda 50**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 7 – paragrafu 3 – punt e**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (e) id-daqs tal-entità li tkun issottomettiet l-informazzjoni; | (e) id-daqs tal-entità ***skont il-kategorija*** li tkun issottomettiet l-informazzjoni ***u għal liema informazzjoni tirreferi***; |

Or. en

**Emenda 51**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 7 – paragrafu 3 – punt fa (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(fa) il-lingwa oriġinali li biha tkun ġiet sottomessa l-informazzjoni mill-entità.*** |

Or. en

**Emenda 52**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 8 – paragrafu 2 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. L-ESMA għandha tiżgura li kulħadd ikollu aċċess dirett u immedjat mingħajr ħlas għall-informazzjoni disponibbli fuq l-ESAP. | 2. L-ESMA għandha tiżgura li kulħadd ikollu aċċess dirett u immedjat mingħajr ħlas għall-informazzjoni disponibbli fuq l-ESAP ***u distribwit minnu***. |

Or. en

**Emenda 53**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 8 – paragrafu 2 – subparagrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Madankollu, l-ESMA ***tista'*** titlob tariffi għal servizzi speċifiċi li jinvolvu tiftix għal ***volum kbir ħafna*** ta' informazzjoni ***jew għal*** informazzjoni ***aġġornata ta' spiss***. Dawk it-tariffi ma għandhomx jaqbżu l-kost mġarrab mill-ESMA għall-forniment tas-servizz. | Madankollu, l-ESMA ***għandha*** titlob tariffi għal servizzi speċifiċi li ***għandhom spejjeż għoljin ta' manutenzjoni jew appoġġ, jew li*** jinvolvu tiftix għal ***jew tniżżil ta' volumi kbar*** ta' informazzjoni***, b'mod partikolari jekk tali*** informazzjoni ***tkun ta' rilevanza kummerċjali***. Dawk it-tariffi ***għandhom jinżammu għal minimu u, fi kwalunkwe każ,*** ma għandhomx jaqbżu l-kost mġarrab mill-ESMA għall-forniment tas-servizz. |

Or. en

**Emenda 54**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 8 – paragrafu 2 – subparagrafu 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Meta tistabbilixxi l-ESAP, l-ESMA tista' tirrikjedi li l-utenti kollha jimlew dikjarazzjoni diġitali li tispeċifika jekk għandhomx l-intenzjoni li jużaw xi wieħed mis-servizzi msemmija fil-paragrafu 2 li fir-rigward tagħhom l-ESMA tista' tapplika tariffi.*** |

Or. en

**Emenda 55**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 8 – paragrafu 3 – punt ea (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ea) kwalunkwe stabbiliment edukattiv u ta' taħriġ għall-finijiet uniċi ta' tagħlim u riċerka empirika jew teoretika.*** |

Or. en

**Emenda 56**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 8 – paragrafu 4 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Għall-finijiet tat-tieni subparagrafu tal-paragrafu 2, l-ESMA ***tista'*** tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni sabiex tiddetermina n-natura u l-firxa tas-servizzi speċifiċi li għalihom jistgħu jintalbu tariffi u sabiex tiddetermina l-istruttura tat-tariffi assoċjata. | 4. Għall-finijiet tat-tieni subparagrafu tal-paragrafu 2, l-ESMA ***għandha*** tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni sabiex tiddetermina n-natura u l-firxa tas-servizzi speċifiċi li għalihom jistgħu jintalbu tariffi u sabiex tiddetermina l-istruttura tat-tariffi assoċjata. |

Or. en

**Emenda 57**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 – paragrafu 1 – subparagrafu 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***La l-ESMA u lanqas il-korpi ta' ġbir ma għandhom jieħdu fuqhom kwalunkwe responsabbiltà għall-użu u l-użu mill-ġdid ta' informazzjoni li ssir disponibbli mill-entitajiet u li tkun aċċessibbli fuq l-ESAP.*** |

Or. en

**Emenda 58**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 10 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-ESMA għandha ***twettaq*** validazzjonijiet awtomatizzati sabiex tivverifika l-konformità tal-informazzjoni ***sottomessa*** mill-korpi ta' ġbir ***mar-rekwiżiti*** stabbiliti fil-punt (b) tal-Artikolu 5(1). | 1. L-ESMA għandha ***tiżgura li l-ESAP iwettaq*** validazzjonijiet ***perjodiċi***awtomatizzati sabiex tivverifika l-konformità tal-informazzjoni ***pprovduta*** mill-korpi ta' ġbir***, kif sottomessa mill-entitajiet, skont ir-rekwiżiti*** stabbiliti fil-punt (b) tal-Artikolu 5(1). |

Or. en

**Emenda 59**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 10 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. L-ESMA għandha timplimenta proċessi tekniċi xierqa sabiex tinnotifika awtomatikament lil korp ta' ġbir li l-informazzjoni ***ppreżentata*** ma tikkonformax mar-rekwiżiti stabbiliti fil-punt (b) tal-Artikolu 5(1). | 2. L-ESMA għandha timplimenta proċessi tekniċi xierqa sabiex tinnotifika awtomatikament lil korp ta' ġbir li l-informazzjoni ***pprovduta*** ma tikkonformax mar-rekwiżiti stabbiliti fil-punt (b) tal-Artikolu 5(1). ***F'każijiet ta' nuqqas ta' konformità ma' dawk ir-rekwiżiti, ir-responsabbiltà għall-informazzjoni li tinsab fl-ESAP għandha tkun tal-entitajiet ta' rappurtar.*** |

Or. en

**Emenda 60**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 11 – paragrafu 1 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) tiżgura li l-informazzjoni riċevuta | (a) tiżgura li l-informazzjoni riċevuta |

| | |
|---|---|
| mill-korpi ta' ġbir tkun disponibbli fil-ħin fuq l-ESAP; | mill-korpi ta' ġbir***, wara li tiġi sottomessa mill-entitajiet,*** tkun disponibbli fil-ħin fuq l-ESAP; |

Or. en

**Emenda 61**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 11 – paragrafu 1 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) tiżgura li l-ESAP ikun aċċessibbli mill-anqas ***95*** % tal-ħin fix-xahar; | (c) tiżgura li l-ESAP ikun aċċessibbli mill-anqas ***97*** % tal-ħin fix-xahar***, mingħajr ma jitqiesu każijiet ta' manutenzjoni skedata, aġġornamenti tal-kontenut u aġġornamenti tal-paġni, f'liema każijiet għandu jingħata avviż ċar lill-utenti fejn jiġi indikat it-tul probabbli tal-interruzzjoni tas-servizzi pprovduti mill-ESAP***; |

Or. en

**Emenda 62**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 11 – paragrafu 1 – punt d – punt ii**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (iv) theddid b'rabta maċ-ċibersigurtà. | (iv) theddid ***eżistenti u emerġenti*** b'rabta maċ-ċibersigurtà. |

Or. en

**Emenda 63**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 11 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, l-ESMA għandha tikkonsulta lill-Grupp tal-Partijiet Ikkonċernati tat-Titoli u s-Swieq imsemmi fl-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010. | 2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, l-ESMA għandha tikkonsulta lill-Grupp tal-Partijiet Ikkonċernati tat-Titoli u s-Swieq imsemmi fl-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010, ***u tistabbilixxi grupp konsultattiv ad hoc magħmul minn esperti u partijiet ikkonċernati rilevanti biex jagħti pariri u jappoġġa lill-ESMA fl-implimentazzjoni teknika tal-ESAP***. |

Or. en

**Emenda 64**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 11 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. L-ESMA ***ma għandhiex taħżen*** informazzjoni li tinkludi data personali għajr għall-ipproċessar awtomatiku, intermedju u tranżizzjonali, inkluż il-ħżin ta' dik l-informazzjoni sa fejn ikun strettament meħtieġ għall-fini li jingħata aċċess għall-informazzjoni pprovduta mill-korpi ta' ġbir. | 3. L-ESMA ***għandha tiżgura li l-ebda*** informazzjoni li tinkludi data personali ***ma tiġi maħżuna fuq l-ESAP*** għajr għall-ipproċessar awtomatiku, intermedju u tranżizzjonali, inkluż il-ħżin ta' dik l-informazzjoni sa fejn ikun strettament meħtieġ għall-fini li jingħata aċċess għall-informazzjoni pprovduta mill-korpi ta' ġbir. ***L-ESMA għandha tieħu miżuri tekniċi u organizzattivi xierqa biex tiżgura li l-ipproċessar tad-data personali permezz tal-ESAP jitwettaq f'konformità mar-Regolament (UE) 2018/1725 u li l-informazzjoni ma tinżammx jew issir disponibbli aktar milli previst fil-punt (f) tal-Artikolu 5(1).*** |

Or. en

**Emenda 65**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 12 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-ESMA, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-EBA u mal-EIOPA, għandha timmonitorja l-funzjonament tal-ESAP abbażi ta' mill-anqas l-indikaturi kwalitattivi u kwantitattivi stabbiliti fil-paragrafu 2, u għandha tippubblika rapport annwali dwar il-funzjonament tal-ESAP. | 1. L-ESMA, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-EBA u mal-EIOPA, għandha timmonitorja l-funzjonament tal-ESAP abbażi ta' mill-anqas l-indikaturi kwalitattivi u kwantitattivi stabbiliti fil-paragrafu 2, u għandha tippubblika ***u tissottometti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill*** rapport annwali dwar il-funzjonament tal-ESAP. |

Or. en

**Emenda 66**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 12 – paragrafu 2 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) in-numru ta' viżitaturi ***u*** tfittxijiet; | (a) in-numru ta' viżitaturi**,** tfittxijiet ***u downloads***; |

Or. en

**Emenda 67**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 12 – paragrafu 2 – punt ba (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ba) it-tip ta' informazzjoni li tidher u titniżżel skont il-perċentwal;*** |

Or. en

**Emenda 68**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 12 – paragrafu 2 – punt bb (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(bb) it-tariffi msemmija fl-Artikolu 8 u imposti mill-ESAP;*** |

Or. en

**Emenda 69**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 12 – paragrafu 2 – punt e**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (e) kwalunkwe ħsara jew inċident sinifikanti; | (e) kwalunkwe ħsara jew inċident sinifikanti ***li jaffettwa l-operazzjoni jew il-prestazzjoni ġenerali tal-ESAP***; |

Or. en

**Emenda 70**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 12 – paragrafu 2 – punt f**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (f) valutazzjoni tal-aċċessibbiltà, tal-kwalità, tal-utilizzabbiltà u tal-puntwalità tal-informazzjoni fl-ESAP; | (f) valutazzjoni tal-aċċessibbiltà, tal-kwalità, tal-utilizzabbiltà***, l-affidabbiltà*** u tal-puntwalità tal-informazzjoni fl-ESAP; |

Or. en

**Emenda 71**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 12 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. L-ESMA għandha tikkonsulta lill-Grupp tal-Partijiet Ikkonċernati tat-Titoli u | 3. L-ESMA għandha tikkonsulta lill-Grupp tal-Partijiet Ikkonċernati tat-Titoli u |

| | |
|---|---|
| s-Swieq imsemmi fl-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010 qabel ma tissottometti r-rapport imsemmi fil-paragrafu 1. | s-Swieq imsemmi fl-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010 S***u l-grupp konsultattiv ad hoc li jrid jiġi stabbilit skont l-Artikolu 11 ta' dan ir-Regolament*** qabel ma tissottometti r-rapport imsemmi fil-paragrafu 1. |

Or. en

**Emenda 72**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 13 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Sa [PO, jekk jogħġbok daħħal data ħames (5) snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], il-Kummissjoni għandha tirrieżamina l-funzjonament tal-ESAP ***u*** tivvaluta l-effettività tiegħu. Il-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar ir-riżultati ta' dan ir-rieżami. | Sa [PO, jekk jogħġbok daħħal data ħames (5) snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], il-Kummissjoni għandha***, f'kollaborazzjoni mill-qrib mal-ESMA u filwaqt li tqis ir-rapport annwali ppubblikat skont l-Aritkolu 12,*** tirrieżamina l-funzjonament tal-ESAP***,*** tivvaluta l-effettività tiegħu ***u tidentifika n-nuqqasijiet fil-prestazzjoni tiegħu***. Il-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar ir-riżultati ta' dan ir-rieżami. |

Or. en